MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Numru 13/2013

**“Il-Pulizija**

**v.**

**Renald Hayman”**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat in-nota ta’ l-uffiċjal tal-*probation* Sharlet Fabri tal-15 ta’ Mejju 2013 li biha għamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta’ Malta, u fejn informat lil din il-Qorti li l-*probationer* naqas li joqgħod għad-direttivi mogħtija lilu mill-uffiċjal tal-*probation* u hekk kif mitlub lilu mill-Qorti tal-Maħistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali li jindirizza d-dipendenza fuq l-alkohol ;

**2.** Rat is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fit-22 ta’ Jannar 2013 tagħhom bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-

Liġijiet ta' Malta, qiegħdet lill-imsemmi Renald Hayman taħt ordni ta' *probation* għal perijodu ta' sentejn taħt is-segwenti kondizzjonijiet:

1. Li matul il-perijodu ta' *probation* il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-*probation officer* u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilu.

2. L-uffiċjal tal-*probation* maħtur għal dan l-iskop għandu/ha j/tirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sena.

3. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-uffiċjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt ma' l-uffiċjal tal-*probation* skond id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċjal tal-*probation*; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-uffiċjal tal-*probation* ikun hekk irid, jirċievi żjarat ta' l-istess uffiċjal tal-*probation*.

**4.** Semgħet id-deposizzjonijiet mogħtija mill-uffiċjal tal-*probation* Sharlet Fabri; rat l-atti l-oħra kollha tal-kawza; ikkunsidrat:

**5.** Mill-provi jirriżulta illi d-denunzja saret peress illi l-*probationer* naqas milli jżomm kuntatt regolari ma' l-*alcohol services* ta' l-aġenzija SEDQA u mal-*Men Services* ta' l-aġenzija APPOĠĠ. Fil-mori tad-denunzja, pero`, sar progress sostanzjali billi l-*probationer* beda kuntatt regolari ma' l-aġenzija SEDQA sal-punt illi l-*key worker* tiegħu ma ħassx illi kien hemm bżonn li l-kuntatt jibqa' daqshekk regolari. Inoltre, għamel numru ta' *modules* ta' kors ta' *life skills*. Skond l-uffiċjal tal-*probation*, qed jgħix ħajja pjuttost stabbli, imur *training* il-*gym*, qiegħed f'relazzjoni stabbli u qiegħed jerġa' jara t-tifla ta' l-ex-tfajla tiegħu. Xogħol regolari għad m'għandux iżda jekk ikun hemm bżonn huwa jmur jgħin liz-ziju tiegħu. F'dawn iċ-ċirkostanzi mhuwiex il-każ illi din il-Qorti tittratta mal-

*probationer* mill-ġdid iżda li tħalli *in vigore* l-ordni ta' *probation* oriġinali.

**7.** Għal dawn il-motivi tiddisponi mid-denunzja billi, filwaqt illi tordna t-tkomplija fis-seħħ l-ordni ta' *probation*, twissi severament lill-*probationer* illi jekk ma jħarisx il-kondizzjonijiet kollha fl-ordni ta' *probation*, ikollu eventwalment ibati r-riguri tal-liġi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------